# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Marzu 2002**

**Avviz. numru 60/94**

**Numru 40**

**Reginald Fava ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Chemimart Limited**

**vs**

**Rachael Shaw**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lill-istess attur nomine is-somma ta' Lm43.84,0 (tlieta u erbghin lira u erba u tmenin centezmu) in kwantu ghal Lm11.84 rappresentanti prezz ta' kosmetici lill-konvenuta mibjughin u konsenjati u kwantu ghal Lm32.00 rappresentanti danni minnu subiti wara li l-konvenuta meta kienet impjegata mas-socjeta minnu rappresentata bhala salesgirl,

bghett u kkonsenjat lil xerrej oggett bil-prezz ta’ Lm10.00 meta dan effettivament kien jiswa Lm42.00

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-30 ta’ Novembru 1993. Il-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjenti ma’ ghandha taghti assolutament xejn lill-attur nomine u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-istess Reginald Fava (fol 63 et seq ibid) spejga li, meta f’okkazzjoni kien mar fl-istabbilment gestit mill-istess socjeta attrici rappresentata minnu, il-konvenuta, stess, kienet informatu minn

jeddha li, bhala 'salesgirl' kienet bieghet 'xi oggett li jiswa xi Lm40 bil-prezz ta' Lm10' u li, skond ix-xhud, kienet disposta li thallas id-diferenza cjoe it-telf kagonata minnha 'ghaliex hadet zball'. Il-konvenuta kompliet tinformah li fil-vetrina 'kien hemm card u kellha Lm10 fuqha u hasbet li kien il-prezz ta' dak l-oggett', stante li ma kienetx rat xi prezz fuq l-istess oggett. Ix-xhud, specifikatament, sostna li kull prodott mibjugh mill-istabilment in kwistjoni jkollu l-prezz fuqu ('self adhesive label') u l-procedura hi li qabel ma jigi kkexxjat il-prodott, minn qed jbiegh ghandu jara l-prezz x'inhu u jippancja fuq il-'cash register' il-prezz'. Pero, in rigward oggetti esposti fil-vetrina, dawn jistaw jkollhom il-'price card' …. b'mod li ma jkunx imwahhal fuqhom izda jkun qieghed displayed quddiem l-oggett.

Ix-xhud kompla jghid li ftit granet wara, l-konvenuta kienet informatu li kienet ser titlaq mill-impjieg kif filfatt ghamlet. Ghalhekk hu kien naqqas mill-pagament finali li ghamel, id-differenza fil-prezz. Pero l-konvenuta kienet ipprotestat dwar dan lill-Awtorita' kompetenti. Konsegwentement kellha ssir din il-kawza, stante li gie informat li tali tnaqqis kien legali.

Fi kliem l-stess xhud, fil-fehma tieghu kien ovvju li '……l-prezz tieghu (tal-oggett in kwistjoni) ma setax ikun Lm10 u minn bniedma li kellha esperjenza ghal minimu ta' xhur ghandi ……..' u ' ……… li kienet

ilha tahdem ghandi kont nistenna li anke jekk kien jkollu l-prezz imnizzel hazin li ghandha tmur fuq il-'manager' u tistaqsi ghall-verifika".

Dwar il-vetrini, hu kompla jghid illi hemm numru ta' nies li jaghmlu dan ix-xoghol 'u m'humiex is-salesgirls stess li jippreparaw il-vetrina' u jispetta lil dawn in-nies li jippreparaw il-vetrini 'li jiccekkjaw il-prezzijiet tal-oggetti qabel ma jwahhluhom' waqt li s-salesgirls ma jkollhomx lista ta' prezzijiet.

Ikkunsidrat

Illi Joseph Busuttil impjegat fl-istess stabbilment (fol 68 et seq ibid) wara li semma' li l-konvenuta kienet qaltlu li kienet hadet zball ghax kienet bieghet prodott bi prezz aktar baxx minn dak attwali. L-istess konvenuta stqarret mieghu li kienet ser 'nirranga maghkom fl-ahhar tax-xahar. Anke dan ix-xhud spjega li kull prodott jkollu prezz fuqu "prezz fuq il-kaxxa tieghu f'oggett bhal dan". Dwar l-oggett in kwistjoni hu testwalment qal "L-oggett l-iehor ta' Lm10 kien ta' set tal-pupi u, pero' tal-istess "manufacturing company" pero' kien oggett differenti". In rigward twahhil ta' prezzijiet fuq l-oggetti, hu spjega li hu kien responsabbli li kull oggett jkollu l-prezz tieghu u mill-verifiki li kien jaghmel "irrizultali li kollox bil-prezzijiet". Fl-ahharnett, hu qal,

ukoll, li fil-vetrina kien hemm “price tags” kemm ta’ Lm10 kemm ta’ Lm40, ghal prodotti differenti.

Illi l-‘floor manager’ tas-sular fejn kienet tahdem il-konvenuta kienet Maria Schembri (fol 72 et seq ibid) semmiet li l-konvenuta kienet irrimarkatilha wara li din kienet bieghet prodott (“sett kbir tal-make up”) li l-prezz “ma tantx huwa reali Lm10”. Filfatt, hi informat lill-konvenuta li l-prezz relattiv kien Lm38. Hi kompliet tghid li “Tal-istess marka kemm diversi settijiet pero’ filfatt ta’ dan il-grupp, l-anqas sett taghhom …. jiswa Lm10 allavolja ferm izghar minnu”. Fl-ahhar tal-kontro esami, hi specifikat “Mistoqsi jekk kienx hemm kartoncina wahda li kellha prezz ta’ Lm10 nirrispondi li ma ……..” “Pero l-kartoncina b’Lm10 rajtha”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 75 et seq ibid) issostni li s-set in kwistjoni kellu, quddiem, bhala prezz fuq bicca kartuna l-ammont ta’ Lm10.50 li kien miktub b’”marker” iswed waqt li kien hemm prezzijiet ohra vicin prodotti ohrajn indikati bl-istess metodu. Hi, inoltre, ssottolineat is-segwenti:

a) Hi kienet giet trasferita fl-istabilment gdid "b'affarijiet godda" fil-Belt Valletta minn dak sitwat f'Tas Sliema, madwar xahren qabel.

b) Is-sistema tal-pricing kienet bhas-sistema tal-hanut f'Tas-Sliema dwar is-"Showcases" ghax kull hanut kellu "head salesgirl" li tkun inkarigata mill-"pricing" ta' oggetti fil-vetrini.

c) Hi ma kelliex lista tal-prezzijiet.

d) Fil-kaz in desamina, il-"head salesgirl" ossija Maria Schembri (ara fuq) kienet nizlet, isfel fl-istabilment, sabiex iggib il-kaxxa li fuqha jkun hemm l-"original price". Pero meta din giet fuq, il-konvenuta kienet di gja rregistrat il-prezz u l-klijenta li akkwistat il-prodott kienet telqet di gja.

e) Sussegwentement kellha argument ma Reginald Fava dwar l-akkadut. Dan kien sostna maghha li hi missha vvirifikat il-prezz ta' kull oggett waqt li l-konvenuta sostniet li dan ma kienx possibbli stante li l-kaz gara fil-perjodu tal-Milied. Minhabba dan, hi informatu li ma kienetx ser tkompli tahdem mal-attur nomine.

f) Hi kienet irrimarkat lil Maria Schembri li "veru worth it ghal Lm10.50 dak il-prodott" waqt li dan wegbitha "xiex bieghejt dak ghal Lm10.50…….".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, irrizultaw is-segwenti fatti:-

a) Ma jidhirx li l-konvenuta accettat li hi kienet responsabbli ghall-akkadut.

b) In rigward "pricing" ta' oggetti fil-vetrina il-konvenuta ma kienetx inkarigata jew involuta f'dan.

c) Dan l-incident in esami gara f'perijodu tas-sena li jkun pjuttost movimentat fi stabbilimenti bhal dak in kwistjoni cjoe fil-perjodu tal-Milied.

d) F'dan il-kaz jidher fuq basi ta' probabilta li vicin l-oggett in kwistjoni kien hemm kartoncina li fuqu kien hemm indikat il-prezz ta' Lm10.50,0 u l-Qorti tara li kien dan l-fattur li ikkaguna dak kollu li gara u mhux negligenza fl-esekuzzjoni tal-obbligi imposta fuqha bhala "salesgirl" u ghalhekk il-konvenuta kienet gustifikata

ragjonevolment li tahseb li l-prezz tal-oggett mibjugh kien attwalment Lm10.50,0.

e) Fit-talba in esami, tissemma "…. In kwantu ghal Lm11.84 rapresentanti prezz ta' kosmetici lilek mibjughin u konsenjati ….." In rigward dan ma ingiebet ebda prova.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk it-talba attrici kif specifikata fl-avviz in esami ghandha tigi michuda stante li:

a) ma giet prodotta ebda prova li l-konvenuta akkwistat xi kosmetici;
b) l-istess konvenuta, wara li gew meqjusa l-fatti kollha risultanti mill-provi, ghandha tigi ritenuta li bieghet il-prodott in kwistjoni, bi prezz aktar baxx minn dak attwali minhabba li vicin tieghu kien hemm indikat prezz aktar baxx, liema fatt seta ragjonevolment jgieghel lill-istess konvenuta taghmel zball genwin fl-impieg taghha bhala "salesgirl", hekk kif kien kagunat minn prezz impoggi hemm minn terzi persuni.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici b'kull parti tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Deputat Registratur